MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1171/2003

**Idea Casa Company Limited**

**Vs**

**Joseph Zammit u Vivienne Zammit**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Gunju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm1040 (elf u erbghin Lira Maltin) dovuti bhala ammont minn prezz akbar ta' merkanzija mibjugha u kkonsennjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Premess illi s-socjeta` attrici hija importatrici ta' ghamara domestika;

Premess illi s-socjeta` attrici bieghet lill-konvenuti kcina tal-valur totali ta’ elf, disa` mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1,925);

Premess illi sar hlas akkont ammontanti ghal tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885), izda l-bilanc ta’ elf u erbghin lira Maltin (Lm1040) baqa` pendenti;

Premess illi l-konvenuti ripetutament ammettew id-debitu taghhom, izda rrizulta li ma qablux dwar min minnhom ghandu jhalas in vista ta’ proceduri ta’ separazzjoni ghaddejjin bejniethom;

Premess illi debitament interpellati l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandux dan l-Onorabbli Tribunal jikkundannhom: i) ihallsu s-somma ta’ Lm1040; u ii) ihallsu l-imghax kummercjali legali mid-data tad-29 ta’ Awissu 2001 u l-ispejjez legali.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi preliminarjament jeccepixxi l-intempestivita`.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, jichad it-talbiet attrici stante illi l-ammont mitlub mhux dovut kif ser jigi ppruvat.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-sentenza giet limitata unikament dwar il-kap tal-ispejjes.  Dana in vista li fil-mori tal-kawza gie effetwat il-pagament li originarjament mitlub mis-socjeta attrici.

Illi huwa lampanti li dan il-pagament sar unikament mill-konvenut.  Dana ghalkemm esprima fir-risposta tieghu li ma kienx debitur taghha.

Fix-xhieda minnu moghtija fis-seduta tat- 22 ta' Frar 2005, huwa la kien leali sia mal-partijiet l-ohra u sia ma dan it-Tribunal. Dana naqas li juri bl-aktar mod lampanti l-obbligazjoni minnhu assunta fil-kuntratt tas- separazzjoni minn ma` martu l-konvneuta l-ohra ai termini tal-kuntratt pubblikat minn Nutar Vanessa Pool fil- 25 ta' Marzu 2003.

L-Artikolu tal-istess kuntratt jistipula is-somma u l-kreditur u jiddikjara lil martu l-konvenuta u oltre minn hekk obbliga ruhu li jindennizzaha f'kaz ta' molestja.

Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkumentax dwar il-komportament tal-konvenut liema komportament ma hux ammisibbli u lanqas accettabbli.

Jiddeciedi illi fil-waqt jostjeni milli jiehu kompozizjoni dwar il-meritu, jikkundanna lil konvenut ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza u jillibera lil konvenuta mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------